DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA
INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH
INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 23 ta' Novembru 2017

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 168/2017

**Lill- :** Prinċipali tal-Kulleġġi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Il-Proġett *Rakkonti* – Niċċelebraw il-Ħrejjef Tradizzjonali Maltin

---

Din is-sena skolastika (2017-18), l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, bl-għajnuna ta' BNF Bank, se tkompli xxerred il-proġett *Rakkonti* fost it-tfal u l-għalliema tas-snin bikrin u tal-primarja.

*Rakkonti* jagħti spinta 'l quddiem lill-ħrejjef tradizzjonali Maltin bl-użu ta' animazzjonijiet diġitali, mużika, kant u pupazzi. Il-ħrejjef inkitbu u ġew illustrati minn Trevor Żahra, u jistgħu jinqraw bħala rakkont jew jiġu rreċtati bil-pupazzi Bertu u Bettina jew pupazzi oħrajn. Għal kull ħrafa nkitbet kanzunetta bi kliem ta' Trevor Żahra u mużika ta' Dominic Galea.

Matul din is-sena skolastika, l-għalliema u l-istudenti se jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi ta' tliet ħrejjef oħra, jiġifieri *Tin Iswed u Tin Abjad* (għall-1 Sena), *Torsinella* (għat-2 Sena), u *d-Dragun Draganti* (għar-4 Sena). It-Timijiet tal-Litteriżmu tal-iskejjel primarji tal-istat se jkomplu joffru taħriġ lill-għalliema fuq kif jistgħu jużaw dawn il-ħrejjef u l-pupazzi fil-lezzjonijiet tal-lingwi.

Il-ħrejjef tal-proġett *Rakkonti* ssibhom fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija https://education.gov.mt/en/nationalliteracyagency/ u l-animazzjonijiet jinsabu fuq l-istazzjon tal-YouTube *L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.*

Min ikun irid aktar informazzjoni fuq dan il-proġett, jista' jżur il-paġna tal-Facebook *Rakkonti*.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**